



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-14 ta' Novembru 2022

# L-awdituri jappellaw għal titjib fl-ankrar tal-prioritajiet ta' politika ġenerali fil-baġit tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), hemm differenzi kbar fil-livell sa fejn il-Kummissjoni Ewropea inkorporat il-prioritajiet ta' politika ġenerali tal-UE rigward it-tibdil fil-klima, il-preservazzjoni tal-bijodiversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp sostenibbli u t-tranżizzjoni diġitali fil-programmi ta' nfiq kollha tal-UE. L-awdituri jikkonkludu li l-perspettiva tal-ġeneri hija l-priorità li hija l-inqas integrata sew fil-baġit tal-UE. Barra minn hekk, hemm differenzi sinifikanti fil-mod kif il-Kummissjoni tkejjel il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-ħames politiki trażversali ewlenin u kif tirrapporta dwar il-kisba tagħhom.

*"Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkorpora aħjar il-prioritajiet ta' politika ġenerali tal-UE fil-qafas ta' prestazzjoni tagħha, b'mod partikolari għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tranżizzjoni diġitali u l-SDGs, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-ispiża u l-fattibbiltà tal-approċċ tagħha,"* qal François-Roger Cazala, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. *"Jenħtieġ ukoll li hija ttejeb ir-rappurtar dwar il-priorità ta' politika trażversali biex turi kif timmassimizza l-użu ta' kull euro li jintefaq, kif ukoll li tenfasizza nfiq li jikkontribwixxi għal diversi prioritajiet ta' politika orizzontali fl-istess ħin."*

Il-Kummissjoni rrappurtat li hija kienet inkorporat bis-sħiħ il-prioritajiet ta' politika ġenerali tal-UE fil-programmi tal-baġit tal-UE, iżda l-awdituri sabu differenzi sinifikanti bejn il-klima u l-bijodiversità meta mqabbla mal-perspettiva tal-ġeneri. Għalkemm il-ħames prioritajiet orizzontali ġew inkorporati sa livelli differenti fil-programmi ta' nfiq tal-UE, bħal dawk dwar ir-riċerka, l-agrikoltura u l-iżvilupp reġjonali, l-awdituri sabu li l-Kummissjoni kienet improvdiet konklużjonijiet pożittivi żżejjed dwar il-progress magħmul lejn il-miri ta' integrazzjoni. Il-prioritajiet tal-klima u tal-bijodiversità ġew inkorporati b'mod adegwat fil-biċċa l-kbira; l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti u t-tranżizzjoni diġitali kienu ġew inkorporati parżjalment. Il-perspettiva tal-ġeneri, min-naħħa l-oħra, kienet għet inkorporata sa ċertu livell ħafna inqas.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Għall-klima u l-bijodiversità, il-Kummissjoni żviluppat metodi biex tittraċċa l-infiq f'bosta programmi sabiex tidentifika u tirrapporta kemm tonfoq fuqhom, u għandha qafas stabbilit biex tkejjel il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE. Madankollu, ir-rappurtar tagħha mhuwiex preċiż. Dan għaliex hija użat approssimazzjonijiet, u minħabba dgħufijiet li kienu ġew identifikati preċedentement mill-awditi rigward stimi eċċessivi fl-infiq. Il-Kummissjoni tirrapporta informazzjoni limitata dwar il-kontribut tal-programmi tal-UE lejn I-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u t-tranżizzjoni diġitali, filwaqt li l-arranġamenti għall-kejji tal-kontribut tagħhom għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri tjiebu iżda għadhom jiffacċċjaw limitazzjonijiet.

Il-Kummissjoni tittraċċa l-infiq fuq il-klima u l-bijodiversità, u qed tibda tagħmel dan għall-perspettiva tal-ġeneri. Madankollu, hija tipprovd ffit li xejn informazzjoni dwar jekk l-infiq tal-UE jikkontribwixx għal bosta prioritajiet fl-istess ħin. Barra minn hekk, hija ma tkejjilx l-eżi tal-infiq tal-UE f'termini tal-impatt reali tiegħu fuq prioritajiet orizzontali, għalkemm qed taħdem fuq proġett pilota relatat biex tkejjel dawn l-eżi.

### **Informazzjoni ġenerali**

Il-Kummissjoni ssegwi prioritajiet ta' politika orizzontali fil-programmi ta' nfiq. Hija għandha l-ġhan li progressivament tinkorporahom fit-tfassil u l-infiq tal-baġit tal-UE sabiex tiżgura li l-programmi ta' nfiq jindirizzawhom b'żieda mal-objettivi tal-programm tagħhom stess. Huwa importanti li l-politiki trażversali jsiru parti integrali mill-mod kif jitfasslu, jitwettqu u jiġu vvaluati l-programmi ta' nfiq tal-UE biex tiġi massimizzata t-trasparenza fil-mod kif jiġu allokatil l-fondi relatati ma' prioritajiet differenti u biex tingħata ħarsa ġenerali wiesgħa lejn il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE.

Din hija l-ewwel darba li l-awditi rrappurtaw dwar il-prioritajiet ta' politika orizzontali tal-UE fl-intier tagħhom. Huma spezzjonaw għażla ta' 11-il programm li jkopru 90 % tal-pagamenti li saru sa tmiem I-2021 taħt 4 intestaturi tal-baġit pluriennali tagħha. Il-ħames prioritajiet huma rilevanti għall-infiq pluriennali attwali tal-UE sal-2027.

Ir-rapport annwali shiħi tal-QEA dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem I-2021 huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#). Ara wkoll ir-rapporti preċedenti tal-QEA dwar ir-[rappurtar dwar il-klima, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri](#) u [r-rappurtar dwar is-sostenibbiltà](#).

### **Kuntatt għall-istampa**

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) – M: (+352) 621 552 224

Vincent Bourgeais: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu) – M: (+352) 691 551 502

Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) – M: (+352) 691 553 547